MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 98

**It-Tnejn, 14 ta' Jannar, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 98.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**98.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sa Elizabeth Vella u s-Sur Horace Anastasi kienu ndisposti u għaldaqstant ma setgħux ikun preżenti. F'dan ir-rigward is-Sa Vella u s-Sur Anastasi ġew skużati skont l-Ordni Permanenti 14 A (3). Is-Sindku nforma wkoll li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa indispost.

## 98.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**98.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 97 (sebgħa u disgħin) li saret fl-10 ta' Diċembru, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 98.2.1 Korrezzjonijiet

**98.2.1.1** Minuta 97.6.2 – minflok **nforma** issir **informa**
Minuta 97.6.2 – minflok **Anstasi** issir **Anastasi**
Minuta 97.6.2 – minflok **Amminstrettiv** issir **Amministrattiv**

## 98.3 Punti mqajma mill-minuti

**98.3.1** Minuta 97.1.1 – Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-aħħar laqgħa fejn is-Sur Carabott kien bagħat email fit-20:47 sabiex jinforma lill-Kunsill li kien indispost u għaldaqstant skużat skont l-Ordni Permanenti 14 A.

Il-membri qablu unanimament.

Is-Sur Silvio Vella ġibed l-attenzjoni li sa fejn kien infurmat hu il-Kunsill taż-Żgħażagħ ġie xolt wara li sar il-progett tal-iskudett. F'dan ir-rigward is-Sindku nforma lill-membri li uffiċjali l-Kunsill ma rċiviex l-ebda kommunikazzjoni li dan il-Kunsill ġie xolt. Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jinforma lis-Sa Rosanna Ciliberti, mill-Aġenzija Żgħażagħ sabiex tinfurmana jekk dan il-Kunsill għadux jiffunzjona.

Il-membri qablu unanimament.

**98.3.2** Minuta 97.6.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Laqgħa Annwali issejħet iżda ħadd mill-pubbliku ma' attenda.

**98.3.3** Minuta 97.3.3 - Is-Sindku nofrma lill-membri li l-attivita' Notte da Venerare kienet waħda ta suċċess u f'dan ir-rigward ppreżenta rendikont ta' din l-attivita. Is-Sindku qal li għal din l-attivita' kellha tinkera tinda minħabba l-fatt li t-temp ma kienx ser jippermetti. Is-Sur Silvio Vella irrimarka li l-kunsilliera kellhom jiġu nfurmati b'dan. Is-Sindku nforma lis-Sur Vella u lill-membri li din inkriet fl-aħħar ħinijiet u bl-impenji li ġġib magħha l-attivita' d-Deputat Segretarju Eżekutti ma laħaqx informa lill-kumplament tal-Kunsillera iżda sostna li din l-ispiża kienet fil-parametri tal-liġi sussidjarja finanzjarja.

**I**nġibdet ukoll l-attenzjoni sabiex it-toqob li saru f'Misraħ Santa Venera biex saret it-tinda għandhom ikunu mogħttija b'għatu tal-ħadid sabiex l-istess toqob ikunu jistgħu jintużaw f'attivitajiet oħra.

Il-membri qablu unanimament.

**98.3.4** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| Ilment 117 | Lampa fi Triq il-Fawwara tista' ssir. |
| Ilment 424 | Titranġa l-lampa ta' Triq il-Kbira San Ġużepp quddiem dar Nru 446. Apparti ninfurmaw lil Raphael sabiex idur il-lampi kollha li hemm fi Triq il-Kbira San Guzepp u jidentifika dawk il-lampi li hemm bżonn li jitranġaw. |
| Ilment 438 | Lampa fi Triq Agius de Soldanis tista' ssir |
| Ilmenti 442 | Lampa fi Triq Qormi tista ssir kif rakkomandat. |
| Ilment 583 | Le mhux vijabbli peress li hemm diga hemm il-fanali |

**98.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

98.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal ċirkulari SPI 14/2018 fejn nforma lill-membri li l-lokalita ta' Santa Venera hija l-iktar waħda madwar Malta li għandha qtates abbandunati. Is-Sindku żied jgħid li ħass li għandha titqajjem aktar kuxjenza dwar dan is-suġġett u għaldaqstant ippropona sabiex jiġi diskuss u jkun fuq l-Aġenda għall-laqgħa li jmiss.

Il-membri qablu unanimament.

98.4.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-iskema tar-restawr tal-Kappella ta' San Ġużepp ġiet approvata mill-Ministeru għal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, fejn liema xogħol ta' restawr ser jiskatta fil-ġimgħat li ġejjin.

## 98.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**98.5.1** Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ricieva korrispondenza mingħand is-Sur Stanley Azzopardi li qed joffri sabiex jipprovdi sigra taż-żebbuġ u titħawwel x'imkien fil-lokalita.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex din is-siġra titħawwel f'xi konka vojta li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

**98.5.2** Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-membri dwar il-proċess tal-*Bus Shelters* wara li saret il-laqgħa mad-Diretturi tal-kumpanija Faces. Is-Segretarju spjega kif id-Diretturi ta' Faces analizaw l-*Bus Stops* kollha li hawn f'Santa Venera fejn huma pproponew *bus shelters* ġodda u dawk eżistenti li għandhom jinbidlu. Faces qed jipproponu li jsiru dawn is-shelters.

- Ferrovija (SVN 03) – Triq il-Ferrovija
- Ferrovija (SVN 04) – Triq il-Ferrovija
- Parilja (SVN 05) – Triq il-Ferrovija
- Parilja (SVN 06) – Triq il-Ferrovija
- Colossa – Triq il-Kbira San Ġużepp
- Romano – Triq il-Kbira San Ġużepp
- Gusepp – Triq il-Kbira San Ġużepp
- Villambrosa – Triq il-Kappillan Mifsud
- Fleur de Lys 3 – Triq Fleur De Lys (Fil-viċinanzi tal-ATM tal-HSBC)
- Aħmar – Triq il-Kanun
- Aħmar (faċċata tal-ieħor) – Triq il-Kanun

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu sabiex dawn il-*bus shelters* isiru kollha minbarra dak li huwa mmarkat Colossa – Triq il-Kbira San Ġużepp minħabba li jkun ta' inkonvenjent.

**98.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ircieva korrispondenza mingħand is-Sur Jason Grech fejn qiegħed jitlob permess sabiex jirranġa l-bankina għax għamel garaxx minflok il-parapett fi Triq il-Buttar Santa Venera. Ix-xogħolijiet se jsiru kollha bil-permessi neċessarji.

Il-membri qablu unanimament

**98.5.4** Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bżonn li jkun iffurmat bord sabiex tkun aġġuudikata t-Tenders ta' CCTV Cameras, Tender Peritali u t-Tender tat-Transport tal-Anzjani. Wara diskussjoni bejn il-membri, s-Sindku ppropona li għal dawn it-tenders hu jkun Chairperson tal-Bord u l-membri jkunu is-Sur Darren Carabott, is-Sur Silvio Vella/is-Sur Jason Mangani li huma membri tal-Kunsill u is-Sur Kenneth Brincat persuna mhux minn Santa Venera iżda li huwa intiż fuq l-aggudikazzjoni tat-tenders bl-esperjenza vasta fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

Il-membri qablu unanimament.

**98.5.5** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju tixtieq torganizza Serata ta' Għana fi ġnien Romeo Romano il-Ġimgħa 12 ta' Lulju, 2019.

Il-membri qablu unanimament

**98.5.6** Is-Sindku nforma lill-membri li waslitlu talba mingħand il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera sabiex titneħħa parti minn ħamrija li hemm ħdejn l-istitut t'Apap fi Triq il-Kbira San Ġużepp u ssir bil-konkos sabiex ikun jista jintrama trofew artistiku. Wara diskussjoni, kien hemm qbil dwar dan iżda wara li ssir l-bażi, il-Kunsill qabel sabiex tintrama qasrija kbira dekorattiva.

Il-membri qablu unanimament

**98.5.7** Is-Sindku nforma lill-membri dwar irċieva mingħand Leon Promotions programm dwar l-attivita' tal-Karnival li jikkonsisti f'madwar sagħtejn sħaħ ta' spettaklu karnivalesk.

Għal dan il-Programm, Leon Promotions jieħdu ħsieb il-ko-ordinazzjoni kollha, transport kollu nvolut konness mal-Kumpaniji tal-Karnival, ħlasijiet kollha konnessi, servizz ta prezentatur, "PA System" u anke ko-ordinaturi meħtiega fuq il-post. Il-ħlas mitlub huwa ta' €795 Vat inkluża. Wara diskussjoni l-membri qablu li din l-attivita jew issir fil-parkeġġ tal-istitut t'Apap jew fejn saret is-sena preċedenti f'Misraħ Santa Venera. Id-data maqbula kienet dik ta' it-Tnejn 4 ta' Marzu mit-3:00 ta' wara nofsinhar 'l quddiem.

## 98.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 98.6.1 Central Asphalt

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ma jistax jibqa' jistenna iktar sabiex jibda ix-xogħol fuq diversi toroq liema xogħol kien ilu li ġie approvat aktar minn minn sena u nofs. Huwa żied jgħid li f'dawn il-ġimgħat kemm hu u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill kemm il-darba għamlu tenttaivi sabiex jikkomunikaw mal-kuntrattur Joe Vella, Direttur ta' Central Asphalt, iżda kien kollu ta' xejn. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li l-unika triq li fadal hija sabiex il-kunsill jieħu parir legali dwar kif ser nipproċedu invista li l-kuntratt jagħlaq matul is-sena 2021.

Il-Membri qablu unanimament

### 98.6.2 Skadenzi ta' Kuntratti: Bulky Refuse, Tabelli u Sinjali tat-Traffiku, Contracts Manager, Latrina Pubblika

Is-Sindku nforma lill-membri li il-kuntratti imsemmija hawn fuq ser jiskadu fil-31 ta' Jannar, 2019. Wara diskussjoni bejn is-Sindku u l-membri qablu sabiex dawn il-kuntratti jkunu estiżi b'sitt (6) xhur mill-31 ta' Jannar minħabba l-fatt li l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali hija fil-qrib u m'hemmx żmien biżżejjed sabiex jinħarġu u jkunu aġġudikati dawn l-imsemmija tenders.

Is-Sindku ppropona u s-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku din il-proposta filwaqt li l-membri qablu unanimament.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

### 98.6.3 Performance Appraisals 2018

**(a) Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill**

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex jippreżenta il-*bonus appraisal* tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il-membri tal-Kunsill qablu kif ġej :

Is-Sur Carmel Busuttil għandu jingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sa Annalise Mallia għandha tingħata l-ammont ta' 6%

**(b) Segretarju Eżekutti**

Is-Sindku pprezenta lill-membri l-performance *appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv Jane (Yvonne) Spiteri għas-sena 2018. Is-Sindku ppropona li Segretarju Eżekuttiv għandha tingħata 6% fuq iż-żmien ta' ħidma mal-Kunsill mil-1 ta' Jannar 2018 sa 30 ta' Ġunju 2018.

**(c) Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku pprezenta lill-membri *l-performance apprasial* tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2018. Is-Sindku ppropona li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandu jingħata 10% dan minħabba l-ħidma kontinwa tiegħu sa minn meta kien assenjat ma' dan il-Kunsill mil-1 ta' Lulju 2018.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

## 98.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 98.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 98.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 530 sa 642.

| | |
|---|---|
| 589 | Work Order |
| 592 | Perit tal-Kunsill |

| | |
|---|---|
| 593 | Ninfurmaw lil OHSA, BRO u l-Pulizija |
| 597 | Nistaqsu lir-Resident il-post indikat eżatt fejn jinsab |
| 599 | Ġardinar |
| 600 | Contracts Manager |
| 601 | Pulizija |
| 603 | Transport Malta |
| 604 | Ninfurmaw lill-familja jekk hux possibbli li teħel mal-ħajt tar-residenza |
| 605 | Ħaddiema Assenjati |
| 606 | Contract Manager – jiccekja liema huma dawk il-globi mitfija fl-inħawi |
| 609 | Transport Malta |
| 611 | Work Order |
| 623 | Ħaddiema Assenjati |
| 628 | Contracts Manager |
| 629 | Work Order |
| 631 | Kunsill Lokali B'kara |
| 632 | Perit |
| 633 | Bħal ilment 632 |
| 636 | Bħal ilment 628 |
| 638 | Contract Manager |
| 641 | Works Order |
| 642 | Ġardinar |

## 98.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-7.50 pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Frar, 2019, fil-5.30pm

Konfermati, illum 18 ta' Frar, 2019

Stephen Sultana<br>Sindku

Michael Mifsud<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv